**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**
**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2018**

**Talba Numru: 33/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 33**

**Josanne Bartolo (K.I.271878M)**

**u Jonathan Pace (K.I. 325580M)**

**14, Jomar, Mons. G. De Piro Street,**

**Rabat (Malta)**

**u 28, Triq Lanzon,**

**Tarxien rispettivament**

**Vs**

**Joseph Gerald Persico (K.I. 154892M) f'ismu proprju u**

**Bhala ezercitanti that l-isem**

**'Gobon' Sqaq Nru 2,**

**1, Triq il-Kbira,**

**Siggiewi**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-atturi fis-16 ta' Jannar, 2018 li permezz tieghu talbu li l-konvenut jigi ordnat jirrifondilhom is-somma ta' tlett elef tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,327.87c) rapprezentati l-ammont ta'

VAT li l-atturi hallsu lil konvenut meta dawn ma kienux dovuti stante li l-konvenut kien ezenti mill-hlas tal-VAT.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha eccepixxa li l-azzjoni tal-atturi hija intempestiva minhabba li l-konvenut diga diversi drabi offra li jaghti lura lill-atturi kwalunkwe ammont li huwa rcieva minghand l-istess atturi bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud galadarba l-konvenut kien u ghadu registrat bhala ezenti milli jigbor it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ghax-xoghol li huwa jwettaq u cioe' dak ta' kostruzzjoni; li l-konvenut ghandu jaghti lill-atturi biss l-ammont ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,762.20c) u cioe' dak l-ammont li gie mhallas lilu mill-atturi bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud cioe' l-ammont li jinsab indikata bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud fid-dokumenti bid-dati tat-08 ta' Mejju, 2017, tas-07 ta' Marzu, 2017 u tat-13 ta' Dicembru, 2016 li gewipprezentati mill-atturi flimkien mal-avviz u li jinsab mmarkati bhala Dok A, Dok b u Dok C rispettivament u dan kollu ghar-raguijiet li ser jirrizultaw waqt is-smigh tal-kawza; li l-hlasijiet l-ohra li saru mill-atturi lill konvenut u cioe' inkluzi dawk li dwarhom il-konvenut diga ta lill-atturi l-ircevuti fiskali bid-data tas-17 ta' Settembru, 2016 fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000.00) bid-data tal-24 ta' Frar, 2016 fl-ammont ta' erbat elef ewro (€4,000.00) u ircevuta ohra bla data fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000.00) liema ircevuti fiskali diga gew ipprezentati mill-atturi flimkien mal-avviz tat-talba u mmarkata bhala Dok D, Dok E u Dok F rispettivament, ma kienu qatt jinkludu t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud stante li kif diga nghad u kif jirrizulta mill-istess ircevuti fiskali, l-konvenut kien u ghadu registrat bhala ezenti milli jigbor it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u konsegwentement l-atturi ma hallsu l-ebda Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala parti mill-imsemmija ammonti u dan kollu kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

Provi

Fl-affidavit taghha l-attrici Josanne Bartolo (fol 17 et) xehdet li hija u l-konvenut huma gharajjes u nkarigaw lil konvenut sabiex jaghmel diversi xogholijiet ta' kostruzzjoni fil-post taghhom bla isem Triq ix-Xejba, Zejtun. Ix-xoghol sar u hallsuh u talbuh l-ircevuti tal-VAT minhabba li l-hlas kien isir minn self li hadu mal-Bank HSBC.

Huma hallsuh hames mitt ewro (€500) cash, u l-pagamenti l-ohra saru permezz ta' cekkijiet mahruga mill-HSBC. Huma kienu talbuh l-ircevuta tal-vat u meta l-konvenut ghaddielhom l-ircevuta huma indunaw li l-konvenut kien VAT exempt. Ghalhekk huma

talbu lil konvenut ihallashom lura l-ammont tal-VAT li hallsuh izda huwa baqa' ma tahhom xejn u kellhom jaghmlu din il-kawza. Lill-konvenut huwa hallsuh b'kollox wiehed u ghoxrin elf sitt mija u disghin ewro (€21,690) u ghalhekk l-ammont ta' VAT imhallas huwa ta' tlett elef tlett mija u tmien ewro u erbgha u sittin centezmu (€3,308.64c).

Fl-affidavit tieghu Jonathan Pace kkonferma dak li ddikjarat l-gharusa tieghu Josanne Bartolo fl-affidavit taghha (fol 18).

A fol 24 xehed Paul Scicluna mid-Dipartiment tat-Taxxi Taqsima VAT li kkonferma li l-konvenut huwa registrat mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'effett mill-ewwel (01) ta' Lulju, 2012 u li minn Lulju, 2012 sa Jannar, 2013 huwa ma kienx VAT exempt u li f'Jannar, 2013 huwa waqqaf in-numru tieghu u rega beda fethu f'Gunju, 2015 bhala VAT exempt u ghalhekk ma jigborx taxxa.

Ra l-affidavit tal-konvenut a fol 47 et li permezz tieghu huwa xehed li jahdem fuq bazi part-time bhala bennej u li n-numru tal-VAT tieghu huwa 20861536 u li ilu registrat mad-Dipartiment tal-VAT mis-sena 2012. Li ghamel xi zmien waqaf mix-xoghol u hassar in-numru u rega beda jahdem fis-sena 2015 u talab li jerga jkun registrat mal-VAT izda din id-darba bhala VAT exempt.

Huwa ghamel xi xogholijiet lill-atturi u l-ftehim kien li kellhom ihallsuh ghaxart elef ewro (€10,000) li kien jinkludi l-materjal ukoll. Huma difatti kienu ghamlu ftehim bejniethom li permezz tieghu qablu li l-hlas kien ta' ghaxart elef ewro (€10,000) bla VAT u dan peress li huwa kien u ghadu exempt milli jigbor il-VAT. Il-ftehim kitbu l-attur Jonathan Pace u tah kopja tieghu.

Gara li zdiedu x-xogholijiet u ghalhekk kienu qablu dwar ir-rati tal-hlas ghal dawn ix-xogholijiet zejda apparti l-hlas ta' ghaxart elef (€10,000) li kienu qablu dwarha.

Il-konvenut jghid li huwa kien jaghtihom l-ircevuta tal-VAT u hareg l-ewwel ircevuta u cioe' dik bin-numru "000001" fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000), ghalkemm kien ghadu ma thallasx dak l-ammont. Anke fil-kaz tal-hrug tal-ircevuti bin-numru "000002" datata 24 ta' Frar, 2016 fl-ammont ta' erbat elef (€4,000), u ohra bin-numru "000004" datata 17 ta' Settembru, 2016 fl-ammont ta' erbat elef (€4,000).

Huwa jichad li bejnu u l-atturi intqal xi diskors fis-sena li jekk jaghtihom l-ircevuti tal-VAT huwa kien ser jitlobhom il-hlas tal-VAT. Huwa jghid ukoll li l-ewwel pagament ta' hames mitt ewro (€500) l-ircevuta tieghu hija koperta bl-ewwel ircevuta bin-numru "000001" fl-ammont ta' elfejn ewro (€2,000) u li qatt ma talab li jithallas il-VAT fuq l-pagament ta' ghaxart elef ewro (€10,000) anzi ghamilha cara lill-atturi li huwa kien VAT exempt.

Gara li haseb li qabez l-ammont kollu li kien intitolat ghalih bhala VAT exempt u ghalhekk beda johrog il-kont bil-VAT u hareg lill-atturi tlett invoices bid-data tat-13 ta' Dicembru, 2016, 07 ta' Marzu, 2017 u 08 ta' Mejju, 2017 li kienu jkopru l-ammont ta' hdax-il elf tlett mija u sittax-il ewro u ghoxrin centezmu (€11,316.20c) li minnhom elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) kien VAT. Huwa jammetti li thallas kollox mill-atturi.

Huwa jaccetta li kien ghamel zball meta hareg l-invoices bil-VAT u li mal-ewwel kien lest li jaghti lura lill-atturi s-somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) galadarba ma kien hemm ebda VAT li jhallas izda l-atturi baqghu jinsistu li jhallashom lura l-VAT anke fuq s-somma ta' ghaxart elef (€10,000) u li dwarhom kien diga hargilhom l-ircevuti tal-VAT. Izda l-atturi ma accettawx ir-rifuzjoni tas-somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c).

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-noti al-osservazzjonijiet prezentati mill-avukati tal-partijiet.

Ikkonsidra

Illi l-atturi jikkontendu li d-diversi pagamenti li ghamlu lill-konvenut ghal diversi xogholijiet li ghamel fuq inkarigu taghhom u li taghhom huwa thallas is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf mija u disghin ewro (€21,190) permezz ta' numru ta' cekkijiet u hames mitt ewro (€500) in kontanti. Tali mamma tac-cekkijiet jinsabu esebiti a fol 27 et u jammontaw komplessivament ghal wiehed u ghoxrin elf mija u disghin ewro (€21,190) u ghalhekk l-ammont ta' VAT li skont huma hallsu meta ma kellhomx ghalfejn huwa ta' tlett elef tmien mija u erbatax-il ewro u ghoxrin centezmu (€3,814.20c).

Il-kontijiet esebiti mill-atturi a fol 2 et meta maghduda jammontaw komplessivament ghas-somma ta' disat elf hames mija u disghin ewro (€9,590) u minn l-istess dokumenti jirrizulta li l-ammont ta' VAT mitluba kien jammonta ghal elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) total tal-ammont mitlub ghalhekk kien ta' hdax-il elf tlett mija u sittax-il ewro u ghoxrin centezmu (€11,316.20c) izda li l-ircevuti tal-VAT mahruga mill-konvenut jammontaw ghal ghaxart elef (€10,000) li minnhom elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) huma VAT.

Il-konvenut jammetti li huwa kien VAT exempt dakinhar meta saru x-xogholijiet u anke kien u ghadu lest li jirrifondi lill-atturi tali somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) biss stante li l-ammonti l-ohra imhallsa ma kienux jinkludi l-VAT u kienu jkopru mhux biss xoghol izda anke materjal u li d-deposit ta' hames mitt ewro (€500) cash maghmul mill-atturi kien kopert fl-ircevuta tal-VAT ta' elfejn ewro (€2,000) li huwa hareg u li ghandha n-numru "000001".

L-ircevuti tal-VAT huma datati 17 ta' Settembru, 2016, 24 ta' Frar, 2016 u ohra bla data. Mentri l-mamma tac-cekkijiet huma datati 06 ta' Frar, 2016, 05 ta' Marzu, 2016, 30 ta' Mejju, 2016, 07 ta' Lulju, 2016, 06 ta' Settembru, 2016, 02 ta' Ottubru, 2016, ohra ta' Dicembru, 2016 (data ma tidhirx), ohra ta' Dicembru, 2016 (data ma tidhirx), 09 ta' Dicembru, 2016, 06 ta' Jannar, 2017, ohra Marzu, 2017 (data mhix cara), 05 ta' Mejju, 2017, ohra ta' Mejju, 2017 (data ma tidhirx), u ohra Lulju, 2017 (data ma tidhirx).

L-ircevuti mahruga mill-konvenut huma datati 08 ta' Mejju, 2017, 07 ta' Marzu, 2017, u 13 ta' Dicembru, 2016 filwaqt li l-ircevuti tal-VAT mahruga minn l-istess konvenut huma datati 17 ta' Settembru, 2016, 24 ta' Frar, 2016 u ohra bla data li kif inghad jammontaw ghas-somma komplessiva ta' ghaxart elef ewro (€10,000).

Illi f'din l-kawza hemm qbil li l-konvenut ghandu jirrifondi s-somma ta' elf seba' mija u sitta u ghoxrin elf ewro u ghoxrin centezmu (€1,726.20c) izda mhux is-somma mitluba cioe' dik ta' tlett elef tlett mija u sebgha u ghoxrin ewro u sebgha u tmenin centezmu (€3,327.87c).

Illi l-verzjonijiet tal-partijiet dwar il-bilanc huma konfliggenti – l-atturi jghidu li dawn kienu jinkludu l-VAT u l-konvenut jghid li dawn ma kienux jinkludu l-VAT u kienu jinkludu spejjez tax-xogholijiet ukoll.

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April, 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta' presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-Gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet: **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-Gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull Tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet dan it-Tribunal meta ikkunsidra l-provi prodotti, jikkonkludi li l-atturi naqsu li jipprovaw li l-VAT kien inkluz tant li lanqas pprezentaw rendikont tal-ammonti imhalsa b'diversi cekkijiet, informazzjoni li zgur kellhom sabiex huma hargu dawn il-pagamenti li ma kienux sold u tnejn.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw il-kaz taghhom sal-grad mitlub mil-ligi fir-rigward s-sorte kollha u ghalhekk jilqa' t-talba taghhom limitatament ghas-somma ta' elf seba' mija u tnejn u sittin ewro u ghoxrin centezmu (€1,762.20c) kif dejjem ried jaghmel.

Spejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet propjament ghaliex il-konvenut dejjem ried jirrifondi din is-somma lill-atturi.

**Dr Anna Mallia**

**Gudikatur**